*21 ta' Lulju, 2011*

65/2011

# TISLIMA LIL TEKLEAB HAILE

It-Taqsima Refuġjati tal-Kummissjoni Emigranti ssellem mill-qalb lil Ashih TEKLEAB HAILE, refuġjat mill-Eritrea li ħarab minn artu biex isalva ħajtu u li miet Malta l-bieraħ, 20 ta' Lulju 2011, wara li salva wieħed Franciz mill-għarqa.

Tekleab ta' 32 sena hu miżżewweġ lil Selemawit Hagus Belay. Huma ltaqgħu u żżewwġu s-Sudan fl-2006 u waslu Malta bil-baħar f'Ottubru 2009.

F'dan iż-żmien ta' luttu, Selemawit sabet il-faraġ ta' sħaba. Il-Kummissjoni Emigranti tagħti l-għomor lil mart Tekleab, lil ommu u lil ħutu. Id-data tal-funeral tiġi mgħarrfa aktar tard.

Il-Kummissjoni Emigranti qalet li "Franza li uriet simpatija kbira mar-refuġjati f'Malta għandha tħossa ferħana li wieħed minn ulieda ġie salvat minn refuġjat."